

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Ottubru 2009 —
Novácke chemické závody vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-352/09 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa — Garanzija bankarja — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Urġenza — Natura kumulattiva — Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni — Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika — Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji (Artikoli 225(1) KE, 242 KE u 243 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 12-15)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Sitwazzjoni li tista' tipperikola l-eżistenza tal-kumpannija rikorrenti — Dannu li diġà seħħ meta ġiet adottata d-deċiżjoni mill-Imħallef għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urġenza (Artikoli 242 KE u 243 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 38-44)*
3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Telf ta' opportunità li jkun hemm kumpens tal-impriża rikorrenti — Dannu purament ipotetiku bbażat fuq is-seħħ ta' avvenimenti futuri u inċerti — Nuqqas ta' urġenza (Artikoli 242 KE u 243 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 49-51)*
4. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Miżuri provviżorji — Dispensa mill-obbligu li tiġi kkostitwita garanzija bankarja bħala kundizzjoni tan-nuqqas ta' rkupru immedjat ta' multa — Kundizzjonijiet għall-għoti — Ċirkustanzi eċċezzjonali — Evalwazzjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-grupp li għalih tappartjeni l-kumpannija rikorrenti — Oneru tal-prova (Artikolu 243 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 52-59)*

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ Nru COMP/F/39.396 — Reaġenti tal-karbur tal-kalċju u tal-manjesju għall-industrija tal-azzar u tal-gass), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal proċeduri għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.